MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Numru. 362/2007

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Martin Cachia**
**Gilmore Cachia**
**Omissis**

**Kumpilazzoni Numru 362/2007**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Martin Cachia** ta' 48 sena, iben Michael u Josephine nee' Aquilina, imwieled Pieta' fid-29 ta' Marzu, 1959, residenti 'Martina', 238, Triq l-Imhallef W. Harding, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 235859M.

**Gilmore Cachia** ta' 21 sena, iben Martin u Theresa nee' Carabott imwieled il-Pieta fit-3 ta' Novembru, 1985, residenti fl-indirizz: 'Martina', 238, Triq l-Imhallef W. Harding, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 38386M.

Omissis

Akkuzat talli:

Fil-5 ta' April, 2007, u fil-granet ta' qabel fil-belt Valletta, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura; jew xjentement ghamlu uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista` tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu tali merkanzija; jew xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghal-hsieb ta' kummerc, merkanzija b' marka, sinjal jew emblema imxebbhin b' qerq.

Talli fl-istess cirkustanzi bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor irripproducew jew ikkopjaw, jew bieghu jew qassmu, jew mod iehor offrew ghal-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta jew tahtha.

Talli fl-istess cirkostanzi, bil-ghan li jiehdu vantagg ghalihom jew ghal-persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkagunaw telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, applikaw fuq oggetti jew fuq ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x' aktarx jithawwad ma' trademark registrata, jew bieghu, offrew, esponew ghal-bejgh jew tqassim, jew kienu fil-pussess, kustodja jew

kontroll fil-kors ta negozju, ta’ xi oggett bhal dawk bil-ghan li jghamlu xi haga li jkun reat.

Kif ukoll saru recidivi ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gew kundannati b’ diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Lil **Omissis** wahdu akkuzat talli b’ hekk ukoll kiser il-kundizzjonijiet tal-probation imposti fuqu b’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fit-28 ta’ Frar, 2007.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija, tikkundanna lil Martin Cachia, Gilmore Cachia u Omissis ghal-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri.

Rat l-artikoli 37, 49, 50, 298(1)(a)(c)(f) u 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 72(1)(a)(b)(c) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici. Nhar l-4 ta’ April 2007 kienu ghaddejjin fil-vettura tas-servizz PS1235 Warren Magri u WPC249 Marushka Debattista minn Triq it-Teatru l-Antik il-Belt meta PS 1235 Warren Magri nnota lil Omissis fi Triq id-Dejqa. Is-surgent (dak iz-zmien kuntistabbli) mar jindaga minhabba li tqanqallu suspett. Meta huwa dahal fi Triq id-Dejqa Omissis induna

bih; dan (cioe Omissis) rema basket li kellu mdendel ma daru u telaq jigri. F’dan il-basket kien hemm numru ta’ DVD’s: loghob tal-Play Station; kull wiehed minn dawn id-DVD’s kien f’borza tal-karti flimkien ma’ inlay u kellu numru ta’ referenza.

Illi l-ghada saret tfittxija fuq stall ta’l-imputati Cachia fuq il-monti l-Belt. Meta marru l-pulizija fuq l-istall kien hemm Gilmore Cachia biss; Martin Cachia wasal fuq il-post wara li cempillu ibnu Gilmore ghal dan il-ghan. Minn hemm gie elevat folder ahdar; f’dan il-folder kien hemm inlays ta’ loghob tal-Play Station u kull wahda kellha numru ta’ referenza.

Illi l-oggetti konfiskati gew prezentati fil-kors ta’ dawn il-proceduri.

Illi jirrizulta ampjament u b’mod partikolari mir-rapport ta’ l-espert nominat Martin Bajada li d-DVD’S Play Station li nstabu fil-basket kif ukoll l-inlays huma non-compliant (kif imfissra f’l-istess rapport). In oltre irrizulta li n-numri li kellhom d-DVD’s, l-inlays u l-boroz fil-basket kienu jaqblu man-numri li kellhom l-inlays ta’ l-istess loghob fil-folder l-ahdar li nstab fuq it-tilar ta’ Cachia.

Illi jirrizulta ukoll li f’l-4 ta’ April 2007 Gilmore Cachia cempel lil Omissis tnejn u ghoxrin darba fil-waqt li Omissis cempel lil Cachia erbgha u ghoxrin darba; hemm numru ta’ telefonati anke ma’ l-imputat l-iehor Martin Cachia. Din l-informazzjoni tirrizulta mill-call profiles tan-numri telefonici li kull wiehed mill-imputati qal li huwa in-numru tieghu fil-kors ta’l-istqarrija rilazxxjata minnhom. Dawn it-telefonati kollha saru bejn 06.50hrs u 13.25hrs.

Ikkunsidrat

Illi dwar Martin Cachia ghandu jinghad li huwa la kien prezenti meta l-pulizja intercettaw lil Omissis u gie konfiskat il-basket bid-DVD’s u lanqas kien prezenti meta l-pulizija marru l-ghada fuq il-monti; f’din it-tieni okkazzjoni huwa mar fuq il-post meta l-pulizija kienu diga hemm u wara li rcieva telefonata minghand ibnu, l-imputa l-iehor

Gimore Cachia.  Huwa jghid li ghalkemm il-licenzja hija fuq ismu n-negozju ilu xi snin jigi gestiet minn ibnu Gilmore fatt li sa certu punt hu konfermat minn Gilmore Cachia.

Illi fir-realta ma ngabet l-ebda prova li b'xi mod tikkolega l-fatti li graw f'l-4 u fil-5 ta' April 2007 ma' Martin Cachia, konsegwentement l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet ma giet pruvata fil-konfornt tieghu.

Ikkunsidrat

Illi dwar Gilmore Cachia s-sitwazzjoni hija differenti. Meta huwa rrilaxxja l-istqarrija ammetta li huwa jahdem bhala hawker il-monti ma' missieru. Jghid ukoll li lil Omissis huwa jafu u li dan gieli jmur hdejh biex jaqdih.

Illi minkejja dak sottomess mid-difieza din il-Qorti hija konvinta li hemm ness car bejn dak li gara f'l-4 ta' April 2007 u dak li gara fil-5 ta' April 2007. Ghalkemm Gilmore Cachia ma kienx prezenti meta instab il-basket, u Omissis ma kienx prezenti meta saret it-tfittxija il-monti, ezami ta'l-atti u l-provi prodotti inkluz dawk indizjarji u b'mod partikolari it-telefonati fuq imsemmija din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li d-DVD's (non-compliant) misjuba fil-basket li Omissis telaq ma'l-art huma d-DVD's li jikkorrispondu ghall-inlays (ukoll non-compliant) li nstabu fil-folder fuq it-tilar il-monti. Il-klienti kienu jaraw l-inlays fuq it-tilar u wara li jaghzlu dak li jriedu kien jingieb d-DVD relattiv; in-numru tieghu jigi komunikat permezz ta' telefonata u ingieb id-DVD fuq it-tilar.

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra Gilmore Cachia tirreferi ghar-reati kontemplati taht is-subinciniz (a) (c) u (f) ta' l-artikolu 298 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. It-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu trreferi ghar-reati kontemplati fis-subparagrafi (a) (b) u (c) tas-subinciz (1) ta'l-artikolu 72 tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-atti ma jirrizultax li kien hemm xi manumissjoni fizika ta' xi prodott originali li hija projbieta ai termini tas-subinciz (a) ta'l-artikolu 298 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta pero jirrizultaw sodisfacjentement pruvati l-elementi kollha rikjesti biex jissusistu r-reati kontemplati fis-subinciz (c) u (f) ta'l-imsemmi artikolu 298, inkluz l-element ta' qerq. Jirrizultaw ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu r-reati kontemplati fit-termini tat-tielet imputazzjoni.

Illi dwar it-tieni imputazzjoni jirrizulta ampjament mill-artikolu 298B li l-azzjoni kriminali taht din id-dispozizzjoni tal-Ligi tiddependi fuq il-kwerela tal-parti offieza.

Illi l-kwerela li giet prezentata u konfermata b'gurament hija dik ta'l-Avv Dr Patrick Galea li kiteb f'isem Forestals (Appliances) Limited u dawn bhala prokuraturi specjali ta' Sony Computer Entertainment Europe Limited. Giet prezentata ukoll kopja mhux awtentikata tal-prokura mghotija minn Sony Computer Entertainment Europe Limited lil Forestals pero ma tressaq hadd biex jikkonferma l-awteniticita ta' dik il-kopja ghalhekk il-Qorti ma tistax taccettaha bhala prova sufficjenti tal-mandat konsegwentement lanqas ma tista taccetta l-kwerela ghaliex ma giex pruvat (fil-grad rikjest mill-Ligi) li min ghamel il-kwerela huwa il-mandatarju tal-parti offieza.

Illi ghalhekk din it-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata.

Ikkunsidrat

Illi fil-konfront ta' Omissis ingiebu l-istess tlett imputazzjonijiet migjuba kontra Gilmore Cachia u imputazzjoni ohra rigward ksur ta' ordni ta' probation.

Illi mill-atti jirrizulta li r-reati pruvati fil-konfront ta' Gilmore Cachia jirrizultaw pruvati anke fil-konfront ta' Omissis b'dan li l-partecipazzjoni tieghu hija dik ta' komplici ai termini ta'l-artikolu 42(1)(d) tal-Kapitolu 9 u mhux bhala awtur li jibqa Gilmore Cachia.

Illi jirrizulta ampjament ukoll li Omissis ikkometta r-reati odjerni meta huwa kien taht ordni ta' probation ordnat in forza ta' sentenza datata 28 ta' Frar 2007.

Illi fil-konfornt ta’ Gilmore Cachia u Omissis hemm ukoll l-addebietu tar-reciediva. Pero fil-konfront ta’ Gilmore Cachia ma ngebet l-ebda prova stante li s-sentenzi esebieti huma mghotija fil-konfront ta’ Martin Cachia u Omissis. In oltre mis-sentenza esebieta fil-konfront ta’ Omissis ma jirrizultax li huwa gie ikkundannat imma li tpogga taht probation. Konsegwentement l-addebietu tar-reciediva fil-konfront ta’ dawn iz-zewg imputati ma giex pruvat.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x’jigu kunsidrati fil-konfront taz-zewg imputati li qed jistabu hatja.

Illi Gilmore Catania kellu wiehed u ghoxrin sena meta gew kommessi dawn ir-reati; dak in-nhar huwa kien diga gie misjub hati tlett darbiet ohra ghal reati simili ghal dawk li taghhom qed jinstab hati llum; ta’ dawn ir-reati huwa l-ewwel gie imultat, tpogga taht probation u mbaghad anke inghata sentenza sospieza. Jidher pero li Cachia baqa’ ma tghallem xejn u qed jinjora kompletament l-opportunitajiet li nghatghulu mill-Qorti biex jirriforma. F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m’ghandha l-ebda ghazla hlif li timponi piena karcerarja fil-konfront tieghu, flimkien ma’ multa.

Illi Omissis kellu hmistax il-sena meta gew kommesi dawn ir-reati u ghalhekk japplika fil-konfront tieghu dak predispost f’l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Pero l-Qorti hija limitata fil-mizuri li tista’ tiehu fil-konfront ta’ Omissis ghaliex la darba huwa kkommetta reat fil-perjodu ta’ probation hija bil-fors trid titratta mieghu ghal dak ir-reat u hija esluza milli tiehu certi mizuri li altrimenti kienu jkunu forsi aktar opportuni ghar-reati odjerni.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti

Ma ssibx lil **Martin Cachia** hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **Gilmore Cachia** hati ta'l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat kontemplat fl-artikolu 298(1)(a) u tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu kif ukoll ta'l-addebietu tar-recidieva u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 298(1)(c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 72(1)(a)(b)(c) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta issibu hati tal-kumplament ta'l-ewwel imputazzjoni u tat-tielet imutazzjoni u taghhom tikkundannah tmien xhur prigunerija u multa ta' elfejn Euro (€2000) li ghandha tithallas fi zmien erbgha (4) xhur. In oltre huwa qed jigi ikkundannat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' mija erbgha u disghin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€194.83) rapprezentanti nofs l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti liema hlas ghandu jsir fi zmien erbgha (4) xhur.

Fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **Omissis** hati ta'l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat kontemplat fl-artikolu 298(1)(a) u tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu kif ukoll ta'l-addebietu tar-recidieva u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 37, 42(1)(d), u 298(1)(c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 72(1)(a)(b)(c) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu d'dan li ghal dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tielet imputazzjoin huwa qed jinstab hati bhala komplici, u tikkundannah multa ta' hames mitt Euro (€500) li ghandha tithallas fi zmien erbgha (4) xhur. In oltre huwa qed jigi ikkundannat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' mija erbgha u disghin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€194.83) rapprezentanti nofs l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti liema hlas ghandu jsir fi zmien erbgha (4) xhur. In oltre l-Qorti qed titratta ma' Omissis ghar-reat li tieghu li tieghu instab hati fit-28 ta' Frar 2008 u fil-waqt li tikkonferma s-sejbin ta' htija tikkundannah ammenda ta' erbghin Euro (€40).

In oltre l-Qorti qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni a karigu tar-Registratur ta' din l-Qorti ta'l-oggetti esebieti Dok WM1 u WM2.

Il-Qorti, peress li l-imputat Omissis kien minorenni fid-data tar-reati tordna li ismu ma jigiex imxandar f'l-ebda mezz ta' komunikazzjoni u/jew stampa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------